# ŻEWĠ ILTIEMA

ĠRAJJA TA' QSIM IL-QALB

Miktuba minn A. Sisner fis-sena 1878

---

Poeżija ta' Gius. Sciberras

Propjetà ta' M. Psaila

---

Stampat fil-LOMBARDI'S PRESS — Sliema.

# ŻEWĠ ILTIEMA

---

Kienet ġurnata minn tal-ħarifa
ġa x-xemx nieżla wara l-għoljiet,
fil-ħin tas-sikta f'waqt ħemda kbira
fejn ġa bdew jidhru xi dlamijiet.

Jien li ħriġt ħarġa kont sal-kampanja
u ġa kont miexi waħdi għad-dar
wara ftit mixi nasal fejn villa
mimlija fjuri, siġar u nuar.

Dħalt u hawn nilmaħ xwejjaħ bilqegħda
b'dik xuxtu tbajjat bħala tajjar,
ma' ġenbu kellu xbejba wiċċ t'anġlu
għajnejha żorok, daħkana kbar.

Poġġejt bilqegħda ftit 'il bogħod minnhom
kważi mistoħbi ma nidher xejn
allura x-xwejjaħ dar fuq ix-xbejba
x'ħin mar qalilha dawn il-kelmtejn:

Inti kont tlabtni sabiex ingħidlek
l-istorja t'ommok nikkuntentak,
iżda wisq nibża' li għalli tisma'
swied-il qalb tnissel sejjer narak.

Għandek taf mela t-twelid t'ommok
ferħ kbir u ħena f'qalbi xerridli,
ma fejn kont nobsor jiena f'mitt sena
li din il-ġawhra bniedem jeqridli.

Kienet sabiħa ommok u ġmielha
kiber f'xbubitha u iktar żdiet
għadda ż-żmien sewwa binti Luċija
ta' għoxrin sena dlonk xbejba ġiet.

Fost kemm talbuha b'għarusa l-ommok
ċertu Ruġġieru qalbi seraqli
jien b'għarus ħtartu malajr ta' binti
mhux le għall-għana, ma għax kien aqli.

Dan kien missierek, qegħda tifhimni
dak li ħabbejtu daqs kieku ibni
ma oh jaħasra kemm pwieni u għali
din it-tifkira f'qalbi tkissibni.

Għaddiet sew sena u d-dar tiegħi
bil-ferħ u l-ħlewwa dlonk ġiet mimlija
kont twelidt inti u ħuk Giovanni
żgur qatt dil-ferħa jien ma ninsiha.

Hajja qasira kellu l-ferħ tiegħi
tbiddel ġo dari f'biki u pwieni
qatt ma kont nobsor kemm kelli nagħli
kemm kelli msejken nibki fi żmieni.

Kienet ix-xitwa, f'xi l-għaxra sewwa
kont ġej minn barra sabiex ninġabar,
ferħan u ħieni, iżda minn kellu
imur igħidli riesaq lejn qabar.

Dħalt fil-ġnien tiegħi u mxejt il-ġewwa
ħassejt bħal ħaġa tfixkel riġlejja,
ħarist u x'nilmaħ? F'baħar ta' dmija
bniedem fl-art mejjet sew taħt għajnejja.

Jien kollni mbeżża' qbad niġri u leħen
nisma' f'widnejja bil-qajl qed joqrob,
il-krib hawn beda jiżdied f'widnejja
iktar ma jiena lejn id-dar noqrob.

F'salt wieħed nilmaħ mara mixħuta
imgħarra kollha f'baħar ta' dmija
lejha fis nersaq, nitbaxxa u x'nilmaħ?
Oh sema!... liema ruħ baqgħet fija.

Kienet l-imsejkna binti, l-omm tiegħek
fit-tmiem imwassla tal-ħajja tagħha,
b'stallett ġo qalbha, ah! binti Luċija
għax maqtul jiena ma bqajtx fl-art magħha.

Hawn xuftejha qaila dlonk tbexxaq
trid li tarbula, terġa' tistabat,
li stallett iżjed ġemba jinfdilha
x'ħin hi u taqa' f'ħaġra jinħabat.

Riedet l-imsejkna kieku tkellimni
ma lsiena hedel, ħarġet tnehida
minn ġewwa qalbha, u kollha mriegħda
lejja dlonk tarfa qail qail dik ida.

Hemdet Luċija... u jiena għaxi
dlonk fl-art ninstabat ħdejha nkellima
bdejt inċaqlaqha, hi le tweġibni
avolja nsejjaħ bdejt hawn isimha.

Binti Luċija inti kont mejta
twieġeb għal kliemi ridtek hawn jien,
oh sventurata! Hekk bikri mela
ħajtek tispiċċa fi ftit taż-żmien.

Ilfieq u biki joħnok lix-xwejjaħ
jitkellem iżjed hawn ma setax,
u Adelina kollha mbikkija
ħlief krib imsejkna hi m'assammax.

Bkiet wisq l-iltiema bla ħoss ma għamlet
biex il-nannuha hawn ma ddejqux
daqqa bdiet tqahqah, oħra bdiet tkellmu
ma ssogratx iżda li ma tgħidlux.

Min kien il-kiefer li qatel l-ommi?
bil-ħlewwa kollha lilu staqsiet,
Nan għidli dina rrispondini
mela missieri wkoll kien miet?

Bħala mistenbaħ min-nagħsa tqila
ix-xwejjaħ tagħna qam fil-mument
dar fuq ix-xbejba u x'ħin ħasiba
hekk mar qalilha fl-aħħar dikment.

Bil-ħila tiegħi wara ftit ġranet
kont jien li fl-aħħar il-fatt mort kxift,
hawn uġiegħ qalbi għamel tant bija
li mill-għedewwa hekk nagħmel ħlift.

X'għidt jien? Għedewwa? Għadu wieħed
dan ħabib tiegħi kien mingħajr qies,
jien hekk kont nagħmlu, iżda kien Ġuda
li b'bewsa nfami lili mar bies.

Dan kien lil binti b'għarusa talab
tiżżewġu binti ma riedet qatt,
hu dik iċ-ċaħda sarra ġo qalbu
inxtegħel bil-qilla bla wera 'l ħadd.

Ma l-odju ssieħbet kompliet il-għira
il-għajjur ħalef li b'self iċarrat
il-qalb ta' daka li l-qalb tiegħu
il-ħila kellu bil-pwieni jmarrat.

Wasallu l-kiefer il-jum sa fl-aħħar
li l-odju tiegħu jisfoga ried,
imgħammad wiċċu, fil-lbiesu mbidel
lil hawn jerħila bil-lejl fis-skiet.

Missierek u ommok inti u Ġanninu
hawn f'dal-ġnien kontu sew f'dak il-ħin
oh! Kemm jaħasra kemm aħjar bosta
dik in-nhar kieku ma ġejtu xejn.

Missierek jilmaħ ġej bniedem fuqu
bi stallett f'idu bħala disprat,
hawn int qallu mal-mara tiegħek
sabiex nitħallas mut stallettat.

Oh x'biża' x'rogħda lil ommok qabdu
x'ħin lil dak semgħet dan il-kliem jgħid,
quddiem missierek bil-ġiri qagħdet
sabiex lil ieħor minnu jżomm bogħod.

Iżda xi swielha jekk l-ieħor b'minku
b'għerra tant kbira fl-art ibattiha
hawn jibda il-kiefer o imsejkna binti
daqqiet fuq sidirha b'riġlejh jagħtiha.

Ara l-missierek mitluf imbellaħ
kieku lil ommok jeħles irid,
għonq dak il-kiefer b'idu dlonk jaħfen
ma dan j'sgiċċa jiġri għall-bejt.

Missierek jitlaq għal warajh jiġri
sabiex għal inqas barra jkeċċih,
l-ieħor jistalla bli stallett f'idu
u mingħajr ħajja fl-art ibattih.

Maqtul missierek lejn ommok jiġri
bħal ljun feroċi bla telf ta' żmien
li stallett f'qalbha dlonk iwaħħlilha
u joħroġ jiġri minn ġewwa l-ġnien.

Hawn nasal jiena u nsib dix-xena
missierek u ommok mejtin quddiemi
infittex lilkom iżda le nsibkom
Oh x'kelli nġarrab jien qatt fi żmieni.

Lilek sa fl-aħħar nilmaħ taħt siġra
rieqda, imxaħxa fuq il-ħaxix,
bħal mibluh niġri lil ħuk infittex
iżda le nsibu l-ibni l-għażiż.

Min jaf x'sar minnu l-imsejken tfajjel
jekk ħaj jew mejjet naf ma nistax,
sabiex insibu, nara x'sar minnu
x'nagħmel fid-dinja żgur ma baqax.

Dan kollu jaħti lid-dawl t'għajnejja
tlift jien għal kollox bħal ma taf int,
mhix ħaġa kbira jiena mistagħġeb
kif b'dan il-għali bqajt ma ġġennint.

Issa nitolbok qalbi Delina
tinsa kull ħaġa li minni smajt,
la ddejjaqx qalbek ftakar le b'faraġ
ta' msejken xwejjaħ fid-dinja bqajt.

Hawn qam minn loku, lesta biex jitlaq
immorru qallha għax sar il-ħin
jien ħriġt mill-moħba u tlaqt lejn dari
nibki ġo qalbi lill-imsejknin.

Ġa x-xemx waslet biex tgħib għal kollox
nofsha moħbija wara l-għoljiet
minn siġra għal oħra nilmaħ l-għasafar
jittajru, ifittxu dawk il-bejtiet.

F'das-skiet u ħemda kont tilmaħ xbejba
imlibbsa l-iswed kollha mbikkija
u b'qalbha dieqa ġo Ċimiterju
nilmaħha dieħla kollha umlija.

Miexja bil-lajma, rasha baxxuta
wara ftit tieqaf fost l-akbar skiet,
ħdejn qabar sbejjaħ ta' rħam mill-għona
fejn hawn bdiet tredden fis xi talbiet.

Sew fuq il-għatu ta' dan il-qabar
ta' irħam abjad mill-iżjed fin,
salib kien hemm ta li rħam iswed
l-ismijiet kollha tal-midfunin.

Fiss għarkubtejja tintefa' x-xbejba
u b'leħen għoli u t-talb għażiż,
issamma bedgħed bid-dmugħ f'għajneha
talb kollu ħniena mill-iżjed fis.

"Int O Mulejja, missier il-ħniena
ħenn għal imsejkna tihom mistrieħ,
u għala dejjem fis minn ta' mħabbtek
jiddi d-dawl tiegħek fuq dawn l-erwieħ.

B'ġabra u ħeġġa hawn liema bħala
fuq dan il-qabar tgħid dal-kelmiet
fost dmugħ u biki hawnhekk ix-xbejba
ma' xi talb ieħor marret tennet.

Hekk kif għajneha 'l fuq tmur terfa'
filwaqt li siktet ukoll mit-talb,
sabiex l-imsejkna hawnhekk tmur tagħti
xi ftit tal-faraġ lil dik il-qalb.

Ġuvni hawn tilmaħ iħares lejha
fuq sidru kellu marbuta idejh,
wiċċu mbikki niexfa għal kollox
mid-dmugħ dan għandu s-sbieħ għajnejh.

Kif dan induna lix-xbejba ratu
mingħajr ma tilef hawn żmien ta' xejn
xbejba, qalilha, għala qed tibki
fuq dan il-qabar? Inti dal-ħin.

Kif qatt jaħasra, qaltlu x-xbejba
dal-ħin hawn jiena le ma niġix?
jista' jkun mela li nabbanduna
lil din li rħama u ma nibkix.

Fl-istess ġurnata anzi f'ħin wieħed
ġewwa dal-qabar ġew midfunin,
dawk stess li tawni kienu l-ħajja
waqt li t-tnejn mietu dawn maqtulin.

Midfun hawn magħhom jinsab in-nannu
wara li għadda ħajja ta' mrar,
mejta wkoll lili dalwaqt jitfgħuni
ftit taż-żmien ieħor ġo din id-dar.

Kif, qatt mistagħġeb staqsa l-ġuvni
kif qatt f'dal-qabar hawn midfunin,
dawna t-tlieta li int semmejtli
jien f'dan biss għandi tiegħi l-mejtin.

Dan id-dmugħ oħti li f'għajnejk għandek
hawn ġagħalek tieħu xi żball żgur,
jien nagħdrek iva għaliex dik qalbek
tinsab imgħarrara l-kbir dulur.

O xbejba msejkna il-hemm minn tiegħek
jixbaħ bil-bosta il-hemm minn tiegħi
le mhux biss inti li tgħix fil-biki
ikbar pwieni għandi jien ukoll miegħi.

Lil dawk li inti qed tibki forsi
inti gawdejthom għal ftit taż-żmien,
imma jien l-ommi u lil missieri
kemm tlifthom bikri jaħasra jien.

Iltiem sfajt jiena minn żewġ t'ibnadi
għax f'lejla waħda stallet ta' kiefer
lil għeżież tiegħi qeridhom f'daqqa
lili seraqni u bija siefer.

Malli wasalna ġo pajjiż ieħor
f'nofs ta' triq sewwa telaqni u mar,
li ma nstabx kieku min lili ġabar
min jaf jaħasra hawn minni x'sar.

Kien hemm xwejħa ta' qalb ħanina
dlonk lili ġabret lili rabbiet,
ma nafx li storja din kif semgħet
tal-hemm min tiegħi f'widnejha ġiet.

Hawn kompla wieħed mill-pajjiż tiegħi
ġie darba waħda fejn ninsab jien,
jiena kif rajtu kellimtu nsibu
li ħabib dana tan-nannu kien.

Dan ħaġa b'ħaġa rrakkuntali
mingħajr ma ħalla biss moħbi xejn,
u sa għallimni fejn huwa l-qabar
li hawn preżenti quddiemna t-tnejn.

Hawn hekk l-imħabba l-ġwienaħ tatni
b'titjira waħda dritt 'il hawn ġejt,
ridt l-ewwel niġi hawn hekk nitlob
fuq dan il-qabar ta' min wisq bkejt.

Oh! Kif jaħasra qalbi tinqasam
meta ngħid jiena, marli kulħadd,
kemm huwa msejken edak il-bniedem
li ma jifdallu fuq l-art lil ħadd.

Smajt ukoll jiena li daqsi sewwa
oħti wkoll kelli nsejt x'isima,
ma min jaf fejnha, min jaf jaħasra
fadalx f'dal-qabar fdal minn ġisimha.

Li kont jaħasra, oh x-xewqa għandi
lil din oħti ħajja insib,
oh liema kobor ta' ferħ ġo qalbi
din oħti kienet kieku ġġib.

Kif kont hawn ninsa 'l hemm kollu tiegħi
kif kont nitwieled nerġa mill-ġdid,
kif b'ferħa kbira hawn kont inħalli
lil kemm fid-dinja hawn għana u ġid.

Hawn hekk ix-xbejba rrispondietu
—Oh kemm jaħasra nagħdrek miskin,
dina l-ferħa sew lili u lilek
kienet tagħmilna t-tnejn henjin.

Jiena wkoll għandi dix-xewqa bħalek
illi fid-dinja nsib lil ħija,
aħ lil Giovanni jien nixtieq nara
imqar kont nitlef id-dawl t'għajnejja.

—X'għidt int Giovanni? U inti x'jismek?
—Jien Adelina, għaliex trid taf?
—X'inhuwa l-isem minn ta' missierek
u l-isem t'ommok dawn irrid naf.

Ruġġieru jismu kien dak missieri
u l-isem t'ommi kien ta' Luċija
—Oħti, int oħti, ah iva oħti,
spiċċa l-biki u l-hemm għalija.

Oh jum ta' ħena, jum iva imbierek
kien tassew dana l-lum għalija,
kif qegħdha tifraħ qalbi jaħasra
illi fil-biki biss imdorrija.

—Hija, int ħija, oh x'kelma ħelwa
kif int Giovanni? Int qiegħed hawn?
Mel 'jiena oħtok? U inti ħija,
lil xulxin mela qegħdin naraw.

Le qegħdha noħlom, din kienet ħolma
oh kif l-imħabba hawn daħket bija,
ferħa din kienet ta' mingħajr temma
ħsibt li qed nara lill-maħbub ħija.

—Huk iva jiena, jien ħuk Ġianninu,
ma ħlomtx le inti, hawn jien arani,
xejn le ma daħket bik dik l-imħabba
jien ħuk Ġianninu m'hinix barrani.

Qiegħed inħossni ġo dinja oħra
kif twelidt donni erġajt mill-ġdid
issa qed nara l-ferħ x'inhuwa
x'jiswa ħdejh l-għana u kemm hawn ġid.

Oh mela issa ma inħiex waħdi
għandi lil ħija, oh x'ferħa din,
spiċċa n-niket, spiċċa l-biki,
dħalt ġewwa d-dinja ngħix mal-ħajjin.

Ifraħ Delina għaliex biex għandek
jiena nifraħ miegħek hawn hekk ukoll,
u min mar sema' l-ġrajja tagħna
feraħ żgur magħna dan ukoll.

TMIEM

---

HAWN JINSABU ĦAFNA RUMANZI
U POEŻIJI SBIEĦ
FITTXU IXTRUHOM.

---